REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/896

tal-24 ta' Frar 2021

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' informazzjoni addizzjonali għall-finijiet tal-konverġenza tar-rapportar superviżorju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Ir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP) ([1]) u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 40(9),

Billi:

(1) Il-fornituri ta' Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP) huma soġġetti għal diversi leġiżlazzjonijiet settorjali nazzjonali fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, u għar-rekwiżiti ta' rapportar settorjali korrispondenti fuq l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, fosthom fuq l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej. Sabiex tiġi mmitigata l-possibbiltà ta' rekwiżiti ta' rappurtar nazzjonali sostanzjali, addizzjonali u diverġenti, jenħtieġ li jittieħed approċċ standardizzat fir-rigward tal-informazzjoni meħtieġa għall-finijiet tas-superviżjoni kif ukoll għall-informazzjoni prevista skont il-liġi settorjali rilevanti. Il-Kummissjoni stiednet lill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol tipprovdi gwida teknika.

(2) Hemm il-bżonn ta' sett ta' informazzjoni standardizzat biex ikun hemm aktar komparabbiltà u effiċjenza u biex jiġi evitat rapportar doppju marbut mar-rekwiżiti ta' informazzjoni settorjali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-informazzjoni addizzjonali msemmija fl-Artikolu 40(1) sa (5) tar-Regolament (UE) 2019/1238 għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tal-fornitur tal-PEPP, fosthom tal-governanza tiegħu, għall-ġestjoni tar-riskji li jirriżultaw mill-prodotti tal-PEPP;

(b) deskrizzjoni tan-negozju tal-fornitur tal-PEPP fir-rigward tas-settur li l-fornitur tal-PEPP jopera fih, fosthom it-tip ta' investimenti li jagħmel u l-ġestjoni tagħhom, jekk l-investimenti jkunux attivi jew passivi, jekk jiġux offruti garanziji jew le, l-implimentazzjoni tat-tekniki tal-mitigazzjoni, id-daqs f'termini ta' kontribuzzjonijiet u valuri tal-assi, u lista li tinkludi l-Istat Membru ta' oriġini tal-fornitur tal-PEPP u kwalunkwe Membru Stat ospitanti tal-fornitur tal-PEPP;

(c) informazzjoni dwar liema politiki se jiddaħħlu mill-fornituri tal-PEPP bil-miktub biex jindirizzaw ir-riskji rilevanti;

(d) informazzjoni dwar il-prinċipji ta' valwazzjoni li jiġu applikabbli għall-finijiet tas-solvenza, fejn applikabbli;

(e) ħarsa ġenerali lejn ir-riskji rilevanti li jappartjenu jew li huma marbuta mal-forniment tal-PEPP u kif il-fornitur tal-PEPP ikun biħsiebu jamministra dawk ir-riskji, fosthom ir-riskji finanzjarji u ta' likwidità, iżda mhux dawn biss, ir-riskju tas-suq, ir-riskji ta' kreditu, ir-riskji ta' reputazzjoni u r-riskji relatati ma' fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza;

(f) informazzjoni fir-rigward tal-istruttura kapitali tal-fornitur tal-PEPP, fosthom il-proporzjonijiet kapitali u l-livelli ta' ingranaġġ;

(g) informazzjoni dwar kuntratti f'idejn fornitur tal-PEPP, jew rigward kuntratti ma' partijiet terzi, fosthom l-obbligi lejn il-faddala f'PEPP matul il-fażi ta' dekumulazzjoni, jew għall-forniment ta' subkontijiet tal-PEPP.

([1]) ĠU L 198, 25.7.2019, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN